MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2013

Numru 14/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**Vs**

**Joseph Xerri bin Paul u Annunzjata nee' Camilleri, imwieled Victoria, nhar it-23 ta' Marzu 1984, residenti fil-fond "Xerri House", Triq il-Kuncizzjoni, Qala u detentur tal-karta ta'l-identita' bin-numru 16484G**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Joseph Xerri li gie akkuzat talli nhar il-05 ta' Awwisu 2010 u gimghat ta' qabel gewwa l-Qala Ghawdex, u f'inhawi differenti f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti anke jekk maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess

disposizzjonijiet tal-Ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. saq vettura tat-tip motor bike ghamla Honda 125, bin-numru tax-chassis L125S5217641 minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija jew ta' Transport Malta, jew saq l-istess mutur minghajr ma kellu licenzja specifikata biex isuq l-imsemmi mutur, u b'hekk ma kienx kopert b'polza ta'l-assikurazzjoni ghar-riskji ta' terzi persuni ai termini tal-Artikoli 17, 18, 21 u 31 tar-Regolamenti tat-Traffiku (A.L. 128/1994) tal-Kap.65 u tal-artikolu 3 tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. talli fl-istess data, hin u cirkustanzi minghajr ma kellu licenza tas-sewqan mill-Pulizija jew mit-Transport Malta jew minghajr licenzja tas-sewqan speciikata ghal dik il-vettura saq il-vettura bin-numru tax-chassis L125S5217641 u dana bi ksur ta'l-artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta' Malta.
3. saq l-imsemmija ventura bil-mutur minghajr ma kellu il-pjanci tar-registrazzjoni hekk kif imsemmija fl-artikolu 32(1) tal-Avviz Legali 198 tal-2009 jew pjanci mahruga minn xi awtorita kompetenti ohra, Artikolu 32(7) ta'l-Avviz Legali 198 tal-2009

Semghet il-provi

Rat d-dokumenti esebiti.

Semghet trattazzjoni;

Ikkunsidrat;

Illi l-fattispecje ta' dana il-kaz huma piuttost semplici. Mill-provi akkwiziti jirrizulta illi fil-jum indikat fl-akkuza waqt spezzjoni illi l-pulizija kienu qed jaghmlu gewwa il-pjazza ta' San Guzepp il-Qala vicin iz-zuntier tal-knisja gie osservat mutur li ma kellux pjanci ta' registrazzjoni. Kif il-pulizija marru qrib dan il-mutur wasal l-imputat li qalilhom li l-mutur kien jappartjeni lilu. Meta mistoqsi mill-PS1424 u il-PC1406 ir-raguni 'il ghala il-mutur kien minghajr pjanci, huwa qalilhom li kien ghadu kemm hargu mill-garaxx u

kien ser jiehdu f’garaxx iehor ghat-tiswija. Il-pulizija osservaw ukoll il-magna tal-mutur kienet ghadha shuna. Minn investigazzjonijiet ulterjuri li saru mill-pulizija irrizulta illi il-licenzja tal-mutur kienet skadiet fit-30 ta’ Gunju 2005 u il-polza ta’l-assikurazzjoni kienet tkopri sal-perijodu tat-30 ta’ Gunju 2004. L-imputat jigi interrogat fejn wara li jikkonferixxi ma’l-avukat tal-fiducja tieghu Dr. Anton Refalo, huwa jaghzel li ma iwegibx ghall-ebda mistoqsija li issirlu.

L-imputat ma jixhidx u lanqas ma jressaq provi.

Ikkunsidrat,

Illi id-difiza preliminarjament qed tecepixxi l-preskrizzjoni ta’l-azzjoni kriminali u dana in konnessjoni mat-tielet akkuza, bid-dekors tat-tlett xhur ikkontemplati ghar-reati ta’ natura kontravvenzjonali, kif ukoll ghar-rigward ta’l-akkuza ikkontemplata fl-artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, bid-dekors ta’ sitt xhur. Illi l-artikolu 3(3) tal-Kapitolu 104 jiddisponi illi l-preskrizzjoni ta’l-azzjoni kriminali inizjata taht id-disposizzjonijiet ta’l-artikolu 3 jaqghu bil-preskrizzjoni ta’ sitt xhur miz-zmien tal-kummissjoni tar-reat. Illi d-data indikata fl-akkuza hija dik tal-05 ta’ Awwissu 2010. Mill-atti jirrizulta illi l-kawza giet intavolata fis-07 ta’ Frar 2011 u ghalhekk certament kien iddekorra il-perijodu ta’ sitt xhur indikat fil-ligi. Kwindi l-akkuza migjuba fil-konfront ta’l-imputat li taqa’ taht id-disposizzjonijiet ta’ dana l-Att huma preskritti. Illi l-akkuza ikkontemplata fir-regolament 32(7) ta’l-Avviz Legali 198 tal-2009 hija definita bhala kontravvenzjoni u dana hekk kif jirrizulta mir-regolament 44(7) ta’l-istess Avviz Legali. Illi l-artikolu 688(f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jiddisponi illi l-kontravvenzjonijiet jaqghu bil-preksrizzjoni ta’ tlett xhur. Illi kwindi anke dina l-akkuza hija preskritta u kienet tali anke meta giet mitluba iz-zieda taghha mill-Ufficjal Prosekutur fl-ewwel seduta tat-12 ta’ Mejju 2011.

Illi ghalhekk jifdal biex jigu ikkunsidrati r-reati dwar is-sewqan tal-mutur minghajr licenzja ghat-triq u minghajr licenzja tas-sewqan. Illi d-difiza tikkontendi illi l-Prosekuzzjoni ma lahhqitx il-grad tal-prova rikjesti mill-ligi

fil-kamp penali ghal sejbien ta' htija. Fl-ewwel lok id-difiza issostni illi l-Qorti ghandha tiskarta dak kollu mistqarr mill-imputat liz-zewg ufficjali tal-pulizija 1424 u 1406 meta gie mwaqqaf minnhom. Dana ghaliex jirrizulta illi l-imputat ma kienx gie mghoti t-twissija skond il-ligi li kellu d-dritt ma iwiegeb ghall-ebda domanda li kienet qed issirlu u dana sabiex ma jinkriminax ruhu u kwindi l-ammissjoni maghmula mill-imputat lil dawn l-ufficjali tal-pulizija ghandha tigi skartata. Il-Qorti taqbel perfettament ma' din id-difiza. Kemm mill-PIRS report esebit in atti, kif ukoll mix-xhieda tal-PC1424 u tal-PC1406 ma jirrizultax illi huma amministraw il-*caution* skond il-ligi. Kwindi il-Qorti ma tistax tiehu kont ta' dak li jistqarr l-imputat lil dawn it-tnejn minn nies billi jekk taghmel dan ikun qed jigi lez id-dritt fondamentali ta'l-imputat ghas-silenzju. Kwindi dina l-prova ser tigi skartata.

Il-Qorti ghalhekk trid tara jekk tistax tinsab htija mill-provi cirkostanzjali li hemm fl-atti. Illi l-provi migjuba mill-prosekuzzjoni huma pjuttost minimi. Mix-xhieda ta' Saviour Farrugia, rappresentant ta' Transport Malta jirrizulta mix-xhieda tieghu tat-12 ta' Mejju 2011 illi il-mutur mertu tal-kawza huwa rregistrat fuq certu Emanuel Cutajar numru tal-karta ta'l-identita 21247(G). Ighid illi l-mutur ilu iggaraxxjat mit-13 ta' Awwissu 2010 u il-licenzja tieghu taghlaq f'Gunju 2010. Illi imbaghad meta l-istess Saviour Farrugia jixhed fis-seduta tas-27 ta' Ottubru 2011 huwa ighid illi:
"… l-licenza ghar-rigward tal-FAL 012 thallset fit-13 ta' Awwissu 2010. Dana kien jirreferi ghal perijodu mill-1 ta' Lulju 2000 sal-31 ta' Awwissu 2002. Wara dan giet iggaraxxjata. Nerga' nghid illi l-hlas relattiv sar fit-13 ta' Awwissu tas-sena 2010."

Illi imbaghad mill-PIRS report johorg illi mill-investigazzjonijiet maghmula mill-pulizija l-licenzja kienet tiskadi fit-30 ta' Gunju tas-sena 2005. Dana kollu iwassal ghal kunflitt serju fil-provi tant illi l-Qorti thoss illi ma tista' tistrieh fuq l-ebda wahda mill-informazzjoni moghtija lilha fil-kors ta' din il-kawza. Inoltre dan Emanuel Cutajar qatt ma jitressaq bhala xhud u ghalkemm dina l-Qorti tat opportunita lil-Prosekuzzjoni taghmel dan, madanakollu x-

xhud qatt ma gie debitament notifikat biex jixhed u kwindi l-Qorti ghaddiet sabiex tiddikjara il-provi tal-Prosekuzzjoni maghluqa.

Illi fir-rigward tal-licenzja tas-sewqan ta'l-imputat irrizulta ukoll mix-xhieda ta' Saviour Farrugia illi l-imputat ghandu licenza tas-sewqan Category A1 u Category B u dawn gabhom fis-16 ta' April tas-sena 2002. Illi l-Legislazzjoni Sussidjarja 65.18 tistabbilixxi fit-Tieni Skeda illi l-licenzja Kategorija A1 tkopri *motor cycles* b'ċilindrata li ma taqbiżx 125 ċentimetri kubi, filwaqt illi il-Kategorija B tkopri il-vetturi, tratturi tal-biedja u tricikletti bil-mutur. Kwindi minn dak mistqarr minn dana ix-xhud jidher illi l-imputat kellu licenzja tas-sewqan biex isuq il-mutur in kwistjoni.

Ghaldaqstant abbazi ta' dak li jirrizulta mill-atti processwali filwaqt li il-Qorti tiddikjara it-tielet akkuza u l-akkuza dwar il-ksur tal-artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta bhala preskritti, tillibera lill-imputat mill-akkuzi l-ohra kollha migjuba fil-konfront tieghu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------